

Brussell, 23 ta' April 2026  
(OR. en)

8473/26

LIMITE

INST 192  
POLGEN 98  
AG 65  
MI 382  
COMPET 472

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

---

**Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed  
tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea**

Il-prosperità, is-sigurtà, l-influwenza globali u l-indipendenza tal-Ewropa jesigū ekonomija b'saħħitha u kompetittiva.

F'dinja msawra minn rivalità ġeopolitika, tfixkil teknoloġiku, u inċertezza ekonomika, l-istrateġija ekonomika tal-Ewropa trid tgħaqqad tliet pilastru li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: Suq Uniku aktar b'saħħtu, aktar ġust u aktar integrat, politika kummerċjali li tiddiversifika s-sħubijiet u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, u politika industrijali li tħares u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tipproduċi, tagħmel innovazzjonijiet u tikkompeti b'mod li jirrispetta l-Pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali filwaqt li toħloq tranżizzjoni ġusta li tassigura impjegi ta' kwalità u li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

Il-kisba ta' dan l-objettiv ambizzjuż ser tirrikjedi sforz politiku, impenn u ambizzjoni mill-atturi istituzzjonali kollha, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

B'dan il-Pjan Direzzjonali Konġunt, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u l-Kummissjoni Ewropea jimpenjaw ruħhom li jiksbu Ewropa Waħda, Suq Wieħed, f'konformità mal-objettivi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2026, permezz ta' progress deċiżiv fl-2026 u sa mhux aktar tard minn tmiem l-2027 fil-ħames elementi kostitwenti strateġiċi li ġejjin: (1) is-simplifikazzjoni tar-regoli; (2) Suq Uniku aktar integrat, inkluż billi jitneħħew l-aktar għaxar ostakli dannużi; (3) il-promozzjoni ta' kummerċ b'saħħtu; (4) it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u dekarbonizzazzjoni; u (5) spinta lit-trasformazzjoni diġitali u tal-IA.

Il-Pjan Direzzjonali huwa impenn politiku u operazzjonali: fl-anness tiegħu jstabbilixxi inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika ewlenin tul il-ħames elementi kostitwenti strateġiċi u l-iskedi ta' żmien korrispondenti għal ftehim. It-tliet istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw dawn l-iskedi ta' żmien u jagħtu lil dawn l-inizjattivi l-ogħla prijorità politika b'mod li jirrispetta l-proċess leġiżlattiv u l-prerogattivi ta' kull istituzzjoni.

It-trasformazzjoni tal-ambizzjoni f'realtà teħtieġ sens ta' urġenza, sjieda politika, u eżiti li jistgħu jitkejlu.

- Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tipproponi l-inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika stabbiliti fl-anness.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jaħdmu lejn ftehim rapidu dwar il-proposti leġiżlattivi kollha stabbiliti fl-anness, filwaqt li jittrattawhom b'ħala prijoritajiet politiċi inkorporati fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni leġiżlattiva interistituzzjonali annwali.
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jsaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar biex jiżguraw li l-impenni jitwettqu bis-sħiħ u jkollhom impatt li jista' jitkejjel.

It-twettiq tal-Pjan Direzzjonali ser ikun viżibbli u jista' jitkejjel. Filwaqt li jibnu fuq il-proċess ta' monitoraġġ eżistenti, l-istituzzjonijiet ser jiżguraw rendikont regolari biex jissorveljaw u jiggwidaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan Direzzjonali.

L-istituzzjonijiet ser jiltaqgħu fuq bażi trimestrali biex jirrieżaminaw il-progress, jidentifikaw l-ostakli, jikkoordinaw l-azzjonijiet, jaġġornaw u jikkompletaw l-anness kif meħtieġ, u jirrieżaminaw l-elementi kostitwenti biex jinkludu d-dimensjoni soċjali tas-Suq Uniku.

---

# RIŻULTATI PRIJORITARJI

Proposti	Mira għal ftehim
<b>1. Simplifikazzjoni tar-regoli</b>	
▪ Pakketti omnibus (Proposti: Tul 1-2025)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Omnibus VII – Diġitali (IA) (Proposta: Ir-raba' trimestru tal-2025)	Ġunju 2026
▪ Omnibus fil-qasam tat-tassazzjoni (Proposta: It-tieni trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Omnibus fil-qasam tal-prodotti tal-enerġija (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
<b>2. Suq Uniku aktar integrat</b>	
▪ EU Inc. (Proposta: L-ewwel trimestru tal-2026)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Dikjarazzjoni elettronika għall-istazzjonar tal-ħaddiema (Proposta: Ir-raba' trimestru tal-2024)	Ġunju 2026
▪ Qafas ta' titolizzazzjoni tal-UE (Proposta: It-tieni trimestru tal-2025)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Pakkett dwar il-pensjonijiet supplimentari (Proposta: Ir-raba' trimestru tal-2025)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Pakkett dwar l-Integrazzjoni tas-suq u s-Superviżjoni (Proposta: Ir-raba' trimestru tal-2025)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali (Proposta: L-ewwel trimestru tal-2026)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Rieżami tal-linji gwida dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet	Fl-aħħar tal-2026
▪ Att dwar l-Akkwist Pubbliku (Proposta: It-tieni trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Ċentru għall-Materja Prima Kritika (Proposta: It-tieni trimestru tal-2026)	Fl-aħħar tal-2026
▪ Att dwar il-Prodotti Ewropej (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	It-tielet trimestru tal-2027
▪ Pakkett dwar il-mobbiltà ġusta tal-ħaddiema (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	It-tielet trimestru tal-2027
▪ Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet (Proposta: It-tielet trimestru tal-2026)	It-tielet trimestru tal-2027
▪ Rieżami tar-Regolament dwar Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (Proposta: sar-raba' trimestru tal-2026)	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Rapport dwar il-kompetittività tas-settur bankarju	Lulju 2026
▪ Emendi għall-qafas bankarju (Proposta: sal-ewwel trimestru tal-2027)	Ir-raba' trimestru tal-2027

<b>3. Promozzjoni ta' kummerċ b'saħtu</b>	
▪ Ftehimiet kummerċjali mal-Messiku, il-Mercosur, l-Iżvizzera, l-Indoneżja, l-Indja, u l-Awstralja	Bażi kontinwa
▪ Ftehimiet kummerċjali mat-Tajlandja, il-Malażja, il-Filippini u l-Emirati Għarab Magħquda	Tul 1-2026-27
▪ Proposta dwar l-indirizzar tad-dipendenzi fil-ktajjen tal-provvista (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2026
▪ Proposta għal reviżjoni tar-regolament dwar l-iskrinjar tal-IDB (Proposta: <i>L-ewwel trimestru tal-2024</i> )	It-tieni trimestru tal-2026
<b>4. Tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u dekarbonizzazzjoni</b>	
▪ Pakkett dwar il-Grilji Ewropej (Proposta: <i>Ir-raba' trimestru tal-2025</i> )	It-tielet trimestru tal-2026
▪ Awtostradi tal-Enerġija (Proposta għal proġetti ta' investiment: <i>Ir-raba' trimestru tal-2025</i> )	Minn April 2026 'il quddiem (Tnedija tal-proġetti)
▪ Emendi għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	Fl-aħħar tal-2026
▪ Tariffi tan-network u tassazzjoni (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	It-tieni trimestru tal-2027
▪ Pakkett dwar is-sigurtà tal-enerġija (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	It-tieni trimestru tal-2027
▪ Rieżami tal-ETS (Proposta: <i>It-tielet trimestru tal-2026</i> )	L-ewwel trimestru tal-2027
▪ Aġġornament tal-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija (Proposta: <i>Ir-raba' trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Stabbiliment tal-qafas għall-effiċjenza fl-enerġija (Proposta: <i>It-tielet trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Stabbiliment tal-qafas għall-enerġija rinnovabbli (Proposta: <i>It-tielet trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2027
<b>5. Spinta lit-trasformazzjoni diġitali u tal-IA</b>	
▪ Euro Diġitali (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2023</i> )	Fl-aħħar tal-2026
▪ Kartiera Ewropea tan-Negożju (Proposta: <i>Ir-raba' trimestru tal-2025</i> )	Fl-aħħar tal-2026
▪ Att dwar in-Networks Diġitali (Proposta: <i>L-ewwel trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà (Proposta: <i>L-ewwel trimestru tal-2026</i> )	Fl-aħħar tal-2026
▪ Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	Ir-raba' trimestru tal-2027
▪ Att 2 dwar iċ-Ċipep (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	It-tieni trimestru tal-2027
▪ Att dwar it-Teknoloġiji Kwantistiċi (Proposta: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	It-tielet trimestru tal-2027
▪ Gigafabbriki tal-IA (Proposta għal proġetti ta' investiment: <i>It-tieni trimestru tal-2026</i> )	Mir-raba' trimestru tal-2026 'il quddiem (Tnedija tal-proġetti)